MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 13/2008

**Fogg Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited gja` Norwich Union International Limited**

**vs**

**George Fenech**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Ottubru, 2008, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Illi s-societa attrici tablet l-irkupru tas-somma ta' (Lm4747.00,0) erbat elef seba' mija u sebgha u erbghajn liri Maltin illum ekwivalenti ghal €11,057,53 li jirrapresentaw il-hlas effettwat mill-istess societa lil terzi ai termini tal-Kap 104 tal-

Ligijiet ta' Malta, oltre l-interessi u l-ispejjez kollha legali u gudizzjarji, in konnessjoni ma’ incident awtomobilistiku illi sehh fil-1 ta’ Jannar 2006 gewwa Triq il-Madliena, Gharghur, illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru FBA 985 misjuqa mill-intimat u dan billi l-intimat kiser diversi kundizzjonijiet tal-polza ta’ assikurazzjoni relativa, liema ksur awtomatikament jimporta d-dritt tas-societa rikorrenti illi tirkupra l-ammonti kollha minnha sborsati ai termini ta' l-istess polza ta assikurazzjoni u tal-ligi.

Illi George Fenech baqa’ ma ghamilx l-ebda risposta

**Fatti tal-kaz**

Illi societa rikorrenti assikurat il-vettura ta' George Fenech bin-numru ta registrazzjoni FBA 985. Illi fil-1 ta Jannar 2006 din il-vettura kienet involuta f’incident tat-traffiku li gara fi Triq il-Madliena, Gharghur. Illi s-societa attrici qieghda tallega li George Fenech kiser diversi kundizzjonijiet tal-polza ta’ assikurazzjoni konsistenti fil-fatti li George Fenech ma ghamilx claim u lanqas hallas l-excess. Ghaldaqstant qed titlob ir-rifuzzjoni ta' l-ammont Lm4747 ekvivalenti ghal € 11,057.53 li hija halset lill-persuna l-ohra li kienet involuta f’dan l-incident, ghaliex deherilha li George Fenech kien jahti ghal dan l-incident.

**Gurisdizzjoni**

L-arbitru huwa tal-fehma li c-Centru Malti ta’ l-Arbitragg ghandu gurisdizzjoni biex jisma dan l-arbitragg, u dan ghaliex l-artikolu 1.2 (c) tal-Fourth Schedule tal-Kap 387 jistabilixxi li kull disputa civili li tinvolvi claim kontra persuna derivanti mill-Motor Vehicles Insurance (Third Party Risks) Ordinance (Kap 104) jew derivanti minn polza ta sikurta ghandha tigi decisa permezz ta’ Mandatory Arbitration.

**Konsiderazzjonjiet ta' dritt**

Il-kaz li ghandu quddiemu l-arbitru huwa piutost interessanti.

Is-societa rikorrenti qed titlob ir-rifusjoni tas-somma ta' Lm4747 ekwivalenti ghal €11,057.53 minnha imhallsa bhala danni lill-persuna l-ohra involuta fl-incident automobilistiku fuq referit a bazi tal-principju tal-ligi "inademplendi non est ademplendum". Hija qed tippretendi li stanti li l-intimat ma ghamilx claim u lanqas hallas il-excess, huwa ma aderixxix skond l-obbligi tieghu ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni u ghalekk hija intitolata titlob ir-re-imbors tas-somma minnha pretisa.

Skond il-pagna 10 ta' l-ispecimen policy esebita fil-process hemm stipulat li l-assikurat "may be required to pay the amount shown hereunder for each and every claim". Din il-kliem qed jirreferi ghall-excess.

Pagna 14 ta' l-ispecimen policy esebita fil-General Conditions hemm miktub hekk "Failure to adhere strictly to all the terms and conditions of the policy, will render the policy null and void. Should you fail in any way to fully and strictly abide by all the terms and conditions of the policy and we are compelled or forced to pay in terms of the legislation, we reserve the right to sue you and/or your driver for any expenses incurred by us including the amounts paid to the third party, all interests incurred and any legal or judicial fees or expenses."

F'din il-kawza xehdet id-Dottoressa Ramona Frendo in rappresentanza tas-societa rikorrenti. Hija xehdet hekk "l-assikurat baqa' ma ghamilx il-claim u minhabba f' hekk Fogg Innsurance Ltd irreferew il-file lili u jiena ktibtlu fil-25 ta' Lulju 2006

( Dok F 2 ) fejn tlabtu jaghmel il-claim u ihallas l-excess".

Dr. Ramona Frendo xehdet ukoll li l-kumpanija assikuratrici minnha rappresentata ghamlet il-hlas imsemmi a bazi tal-artikolu 15 tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li meta societa assikuratrici tkun taf li l-karozza assikurata minnha tkun tahti ghal xi incident, allura ghandha thallas d-danni anki jekk ma ikollhiex claim, basta tinforma lill-assikurat u dan ma joggezzjonax. Hija kompliet tixhed li minkejja l-ittra li kitbet lil George Fenech, huwa la oggezzjona ghal pagament u lanqas hallas l-excess. Ghalhekk kompliet tghid li skond it-termini tal-polza ta' assikurazzjoni u skond il-ligi Fogg Insurance Ltd hija intitolata li tirkupra l-ammont minnha sborsati in vista wkoll li l-assikurat ma aderixxix mall-obbligi tieghu skond il-ligi.

Hija xehdet ukoll li l-kumpanija assikuratrici qed tibbaza t-talbiet taghha fuq il-principju tal-ligi "inademplendi non est ademplendum"

Mela jekk wiehed jezamina l-premessi tat-talbiet attrici u x-xhieda tad-Dottoressa Ramona Frendo isib li s-societa rikorrenti qed tibbaza t-talbiet taghha kemm a bazi tal-artikolu 15 ta Kap 104, u kemm il-principju tal-ligi "inademplendi non est ademplendum".

Artikolu 15 (4) (a) tal-Kap 104

L-artikolu 15 (4) (a) tal-Kap 104 jistipula illi jekk isir domanda lill-assikuratur sabiex ihallas claim li gejja minn polza minnu mahruga, l-assikurat ikun presunt li accetta li isir dan il-hlas jekk assikuratur permezz ta' ittra registrata jew ittra ufficjali jinforma lill-assikurat tieghu bl-intenzjoni tieghu li jrid thallas il-claim u ghandu wkoll jinformah bl-ammont li sejjer ikun imhallas. Jekk l-assikurat ma jinformax bil-miktub lill-assikuratur tieghu li huwa

ma joggezzjonax ghal dan il-pagament fi zmien 10 tijiem minn notifika, huwa ikun presunt li accetta li l-assikuratur tieghu jaghmel il-pagament skond il-claim.

Id-Dottoresa Ramona Frendo xehdet li hija baghtet ittra datata 25 ta’ Lulju 2006 lil George Fenech fl-indirizz 44, St Rita Street, Sliema. Din l-ittra tinterpella lil George Fenech sabiex ihallas l-excess ta’ Lm25 b'effett immedjat u fin-nuqqas kienu sejrin jittiehdu l-passi kollha ghar-rimbors ta’ l-ammont **ga' imhallsa** in konnessjoni ma’ dan il-claim illi jammontaw ghal oltre Lm4707.

Din l-ittra ma tissodisfax ir-rekwisiti ta’ l-artikolu 15 (4) (a) fuq citat. L-ittra kellha tintbghat qabel ma’ s-societa attrici hallset il-claim. Il-ligi tistabitixxi li l-assikuratur ghandu jinforma lill-assikurat bl-intenzjoni tieghu li jrid ihallas u l-assikurat ghandu 10 tijiem sabiex jiddeciedi jekk jaccettax li jsir il-hlas. Is-societa attrici qabdet u hallset minghajr ma nformat lill-assikurat li hija kienet se thallas. Informatu biss wara li hallset. Din mhix il-prorekwisit li trid il-ligi. L-assikurat gie ri-infaccjat b'fatt kompjut u ma nghatax l-opportunita li jiddeciedi fit-terminu stabilit fil-ligi jekk iridx li isir il-pagament. Di piu il-ligi tistabilixxi illi jekk l-assikuratur ma joggezzjonax l-assikuratur irid ihallas il-claim u l-ispejjez. Jekk joggezzjona u l-kawza tintilef, kull m'ghandu dritt l-assikuratur huwa li jfittex lill-assikurat ghall-ispejjez legali u gudizzjarji. L-artikolu citat ma jistipulax l-ebda ri-imbors ta’ l-ammonti imhallsa mill-assikuratur lil terza persuna li tkun ghamlet il-claim, min ghand l-assikurat.

L-artikolu 15 (4) (a) jistupula l-assikuratur qabel ihallas irid jinforma lill-assikurat permezz ta’ ittra registrata jew ittra ufficjali. L-ittra tal-25 ta Lulju 2006 ma ntbaghtiex bil-posta registrata kif skond il-ligi ghandha ssir. Is-societa attrici pprezentat ukoll waqt l-arbitragg kopja ta' ittra ufficjali tat-30

ta' Jannar 2007 mibghuta ghall-finijiet ta' l-artikolu 166 A tal-Kap 12, li hija baghtet lil George Fenech sabiex ihallas lilha l-ammont ta' Lm4747 minnha pretisa stante li huwa ma hallasx l-excess. L-ittra giet mibghuta fl-indirizz 44, St Rita Street, Sliema. Is-societa attrici ma pprezentatx r-riferta ta' din l-ittra ufficjali. L-arbitru kif kien id-dover tieghu li jaghmel mar jara r-riferta ta' din l-ittra ufficjali. Huwa sab ir-riferta li kienet saret bil-purtier. Il-purtier Raymond Pace iddikjara illi l-girien qalulu li fil-post 44, St Rita Street, Sliema ma kienux joqghodu nies fih. Ghalekk hemm dubji serji kemm l-ittra tal-25 ta' Lulju 2006 waslet ghand George Fenech stante li milli jidher ma m'ghadux joqghod f' dan il-post. L-artikolu 15 (4) (a) jesigi illi l-assikurat irid ikun notifikat permezz ta' ittra ufficjali jew ittra registrata. Dan ma sarx. Kull ma sar huwa li inbaghtet ittra mhux registrata lil George Fenech f'indirizz li fih ma joqghod hadd. Dan ma jammontax ghar-rekwisit li trid il-ligi.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet in kwantu il-pretenzjoni tas-societa attrici hija bazata fuq l-artikolu 15 (4) (a) tal-Kap 104 hija infondata fid-dritt u ghalhekk ma tregix.

Il-massima tal-ligi "Inademplendi non est ademplendum"

Is-societa attrici qieghda wkoll tibbaza l-pretenzjonijiet taghha fuq il-principju legali Inademplendi non est ademplendum. Skond kif xehdet ir-rapprezentanti taghha in-nuqqas ta' l-intimat li jonora l-obbliga tieghu gej mill-fatti li huwa ma ghamilx claim u lanqas hallas l-excess.

B'nota pprezentata fid-29 ta Lulju 2008 is-societa rikorrenti pprezentat il-claim form kompilata minn George Fenech fid-9 ta' Jannar, 2006, propriju ftit granet wara li sar l-incident. Fl-ittra tal-25 ta Gunju 2006 ma hemm l-ebda interpellazzjoni lil George Fenech biex jaghmel il-claim.

Ghalhekk il-pretenzjonijiet tas-societa rikorrenti in kwantu li ghandha dritt ghar-rimbors ghaliex il-konvenut ma ghamilx claim m'ghandha l-ebda fondazzjoni la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Issa nigi ghal punt kardinali li wkoll irid deciz u cioe' in-nuqqas ta’ hlas ta’ l-excess fis-somma ta’ Lm25 ekwivalenti ghal €58.23. L-arbitru huwa tal-fehma li gie pruvat li dan l-excess ma giex imhallas mill-intimat.

Ikun tajjeb jekk wiehed jistudja ftit il-kuncett ta’ l-excess f’ polza ta' assikurazzjoni. L-excess huwa ukoll maghruf bhala "deductable". Jekk f’ polza ikun hemm excess, dan iffiser li fuq certa porzjoni miftiehma l-assikurat ma jkunx assikurat f’dan il-kaz il-porzjoni tammonta ghal Lm25 ekwivalenti ghal €58.23. Bis-sahha ta’ l-excess l-assikurat izomm porzjoni tar-riskju u jkun kif jghidu l-awturi "self insured" ghal porzjoni miftiehma tal-claim. Ghalhekk permezz ta’ l-excess l-assikurat izomm ghalih inifsu porzjoni specifikata tar-riskju. Ghalhekk l-excess clause mhix kundizzjoni necessarja ghal validita tal-kuntratt, imma hija simpliciment terminu sabiex jiddetermina l-esenzjoni tal-exposure ta’ l-assikuratur. Ghalekk f’ kaz ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ l-excess, kull m'ghandu dritt l-assikuratur huwa jekk ikun kostrett li jhallas l-excess lit-terza persuna dannegiata, huwa ikollu dritt biss li jigi re-imborsat l-excess minnu imhallas f’ dan il-kaz fl-ammont ta’ Lm25 ekwivalenti ghal €58.23. Certament ghar-raguni msemmija l-assikuratur m'ghandux id-dritt li jitlob r-re-imbors tas-somma li huwa hallas lit-terza persuna dannegiata, hlief ghal ammont ta’ l-excess. Ghalekk kull m'ghandu dritt f’ din il-kawza l-assikuratur huwa li jitlob l-ammont li huwa hallas bhala excess, f’ dan il-kaz ammontanti ghal Lm25. ekwivalenti ghal €58.23.

L-arbitru wkoll jinnota li n-nuqqas ta’ hlas ta’ l-excess mhux wiehed minn dawk is-sitwazzjonijiet kontemplati fl-artikolu 12 tal-Kap 105, fejn l-assikuratur jista’ jitlob ir-re-imbors tas-somma minnu imhallsa biex tigi ndemnifikata xi terza persuna dannegiata minghand l-assikurat.

L-arbitru wkoll huwa tal-fehma li s-societa attrici ma tistax tinvoka l-massima tal-ligi gia fuq imsemmija meta hija stess ma ottemperatx ruhha mal-ligi meta hija hallset lit-terza persuna dannegiata minghajr ma tat lil intimat id-dritt li joggezzjona ghal dan il-hlas, u minghajr ma innotifikatu skond kif trid il-ligi li kellha l-intenzjoni li sejra thallas.

Illi fl-ahhar nett ghad li kif diga iddikjara aktar il-fuq f’ dan l-award li l-pretenzjoni tas-societa attrici hija infondata fid-dritt, l-arbitru issa sejjer jara kif din il-vertenza tinkwadra ruhha mill-punto di vista ta' ekwita. Anki kieku kienet fondata fid-dritt wiehed irid jaraha mil-lat ta’ gustizzja. L-artikolu 993 tal-Kodici Civili jesigi illi l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in buona fede u li dawn jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda ukoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita, bl-uzu jew bil-ligi. Fil-fehma ta’ l-arbitru fil-kuncett ta’ buona fede jidhol ukoll certu element ta’ ekwita, kif ukoll ta’ sens prattiku u morali li jigi vjolat mhux biss meta jigi konfrontat b'agir specifiku doluz biex jaghmel il-hsara, izda wkoll b'dak il-komportament li jkun ghal kollox sproporzjonat u li ma jkunx accettabli skond in-normi stabiliti tas-societa u tal-logika guridika. L-arbitru qed jibbazi l-gudizzju tieghu fuq il-massima ta’ dritt komuni li ghal sekli shah iddominat il-kontinent Europew “**in omnibus quidem, maxime tamen in iure, aequitas spectanda sit**”. Digest 50.17.90.

Fil-fehma ta’ l-arbitru, is-societa rikorrenti setghet facilment tirkupra il-Lm25(€ 58.23). Bl-azzjoni

odierna hija trid taghmel arrikament eccessiv indebitu a pregudizzju ta’ l-intimat.

L-arbitru qed jibbaza l-gudizzju tieghu fuq skorta ta’ gurisprudenza tal-Qrati nostrani. Huwa qed jaghmel riferenza ghal sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-15 ta’ Dicembru 2004 fl-ismijiet Pace vs Micallef. Ukoll ha in konsiderazzjoni s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija mill-Onorevoli Imhallef Dr Tonio Micallef tad-19 ta’ Jannar 2006 fl-ismijiet Angelo Bartolo noe vs Emmanuele Zammit. F'din l-ahhar sentenza mhux biss giet citata is-sentenza Pace vs Micallef imma wkoll saret riferenza ghal ktieb "Introduction to Belgian Law " ta’ Bocken & De Bondt, li f’ pagna 234, jipprovdi illi jekk "The obligee is acting in a manifestly unreasonable way, so that the use of a contractual right degenerates into an abuse. Abuse of contractual right is sanctioned by the corrective action of good faith". Fil-fehma ta’ l-arbitru s-societa rikorrenti qed tagixxi b'mod irragonevoli u abusiv, li bih tista’ tinholoq ingustizzja fil-konfront ta’ l-intimat. Ghalhekk l-azzjoni attrici lanqas ma tista’ tigi sotenuta fuq il-bazi ta’ l-ekwita.

**Decisjoni**

Ghar-ragunijiet fuq esposti l-arbitru qed jiddeciedi illi jilqa’ it-talba tas-societa attrici limitatament ghas-somma ta’ Lm25 ekwivalenti ghal €58.23 (tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu) u ghalhekk jikkundanna lill-intimat imsemmi George Fenech ihallas lis-societa rikorenti s-somma biss ta’ Lm25 ekwivalenti ghal € 58.23 u interessi relattivi minn mindu din is-somma giet imhallsa mis-societa rikorrenti sal-gurnata tal-pagament effettiv. L-ispejjez ta’ dan l-arbitragg jithallsu in kwantu ghal 0.52 per cent mill-intimat u kwantu ghal 99.48 per cent mis-societa attrici.”

Bl-appell taghha s-socjeta` assiguratrici tilmenta mil-lodo ta' l-Arbtiru ghaliex tippretendi illi:-

(1) Il-procedura ta' l-arbitragg minnha intentata qatt ma kienet bazata fuq il-fatt illi l-assigurat taghha naqas milli jirregistra "*claim*";

(2) L-assigurat taghha kien inadempjenti ghaliex ma hallasx l-*"excess payment*" kif bil-polza kien tenut jaghmel. In konsegwenza, l-assigurat gie li ma ottemperax ruhu rigorozament mal-kondizzjonijiet kollha tal-polza;

(3) Ghal kaz kellu jkollhom applikabilita` wkoll id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1067 u 1068 tal-Kodici Civili relattiv ghal kondizzjoni rizoluttiva;

(4) L-Arbitru ghamel applikazzjoni zbaljata tal-ligi ghaliex huwa ma kienx awtorizzat li jiddeciedi skond l-ekwita a norma ta' l-Artikolu 45 (2) tal-Kapitolu 387;

Huwa xieraq illi qabel xejn tigi registrata l-kronologija li wasslet ghal dan l-appell:-

(1) Il-vettura ta' l-appellat kienet assikurata taht Private Vehicle Insurance Policy mas-socjeta` assiguratrici appellanti;

(2) Fl-ewwel (1) ta' Jannar, 2006 din il-vettura kienet involuta f'incident. Skond id-deposizzjoni ta' l-Avukat Ramona Frendo quddiem l-Arbitru l-assigurat tal-kumpanija baqa' ma ghamelx *claim.* Evidentement din id-deposizzjoni hi zbaljata in kwantu mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-assigurat avvanza din il-*claim* fid-9 ta' Jannar, 2006. Ara Moto Accident Report Form taht il-firma ta' l-assigurat;

(3) Jidher li f'xi zmien is-socjeta` appellanti ghaddiet ghall-hlas tar-rizarciment dovut lit-terz danneggjat u, in segwitu, permezz tar-rapprezentanti

legali taghha (ara ittra tal-25 ta’ Lulju, 2006) kitbet lill-assigurat taghha biex ihallas l-*excess* ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25). F’din l-istess ittra l-assigurat gie espressament ammonit illi jekk dan il-hlas ma jsirx il-kumpanija assiguratrici tiehu l-proceduri kollha ghar-rimbors ta’ l-indenniz gja imhallas lit-terz;

(4) B’ittra ufficcjali tat-30 ta’ Jannar, 2007 is-socjeta` appellanti intimat lill-assigurat taghha ghal hlas tas-somma intiera (Lm4747) imhallsa lit-terz. Dan l-att gudizzjarju baqa’ ma giex notifikat. Ara xhieda ta’ Dr. Frendo;

(5) Fis-17 ta’ Lulju, 2007 l-istess socjeta` appellanti ipprosegwit b’Avviz u Talba ghall-Arbitragg. F’din il-procedura l-assigurat baqa’ kontumaci;

(6) Sintetikament, fil-lodo tieghu l-Arbitru ddetermina illi:-

(a) L-ittra tal-25 ta’ Lulju, 2006 ma kienetx tissodisfa r-rekwiziti ta’ l-Artikolu 15 (4) (a) tal-Kapitolu 104 ghaliex is-socjeta` assiguratrici ghaddiet ghall-hlas minghajr ma preventivament avzat lill-assigurat b’ittra registrata jew b’ittra ufficcjali;

(b) l-“*excess clause*” mhix kondizzjoni necessarja ghal validita tal-kuntratt imma sempliciment terminu ghad-determinazzjoni ta’ l-ezenzjoni ta’ l-*exposure* mill-assikuratur, tant li lanqas ma hi kkontemplata fl-Artikolu 12 ta’ l-istess Kapitolu 104. Id-dritt ta’ dan hu wiehed limitat ghar-reklam ta’ l-ammont ta’ l-*excess;*

(c) Is-socjeta` assiguratrici ma setghetx tinvoka l-massima “*inademplendi non est ademplendum*” ghax hi stess ma kienetx ottemperat ruhha mal-ligi meta hallset lit-terz minghajr ma tat lill-assigurat l-opportunita` li joggezzjona;

(d) Il-pretensjoni tas-socjeta` assiguratrici hi irragjonevoli u ma tistax lanqas tigi sostenuta fuq il-bazi ta’

l-ekwita fit-termini tal-kuncett tal-bwona fede skond l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili;

Premess dan, huwa indiskuss illi wiehed mill-obbligi ta' kull assikurat hu dak li jqieghed lill-assigurazzjoni tieghu fil-qaghda li din tapprezza c-cirkustanzi ta' l-incident u dik tar-responsabilita` korrelata u naxxenti minnu. Forsi, aktar milli ta' obbligu, dan hu oggett ta' oneru fuq l-assigurat in kwantu l-iskop hu dak li permezz ta' l-avviz jew tal-*claim* l-assigurazzjoni tkun f'qaghda li tistharreg l-elementi ta' l-obbligazzjonijiet taghha ghar-rizarciment mid-danneggjat. Fil-kaz prezenti dan l-oneru jidher li gie sew adempit permezz tal-Claim Form. Dan, l-istess socjeta` assiguratrici appellanti tirrikonoxxih fid-dettalji forniti minnha fit-Talba bil-Miktubipprezentata ma' l-Avviz ta' l-Arbitragg. Li gara kien li, kif gja osservat fl-esposizzjoni tal-kronologija, meta xehdet Dr. Frendo din asserit illi l-assigurat ma kienx ressaq il-*claim*. Kienet din id-dikjarazzjoni errata li tat lok ghall-kummenti ta' l-Arbitru fl-ewwel parti tal-lodo tieghu. Minn din l-ottika l-ewwel aggravju propost ma jistax jitqies tenibbli;

B'introduzzjoni ghat-tieni u ghat-tielet motivi ta' aggravju jinghad illi f'kaz ta' inadempiment kontrattwali r-rimedju generali –rizoluzzjoni tal-kuntratt, "*exceptio inadempleti contractus*", *etcetera* – ghandhom, ghal raguni li jgiebu fis-sehh konsegwenzi serji ghall-kontraenti, rabta ma' inadempiment kolpevoli li jkun gravi u proporzjonat. Gie infatti osservat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali illi "mhux kull inadempjenza kontrattwali tipprovoka l-kondizzjoni rizoluttiva tacita insita fil-kuntratti bilaterali, kemm fil-kazijiet fejn il-Kodici Civili jirrekjedi dikjarazzjoni gudizzjarja kif ukoll fil-kazijiet fejn ir-rizoluzzjoni hi wahda *ipso jure* fil-Kodici tal-Kummerc ... ... ... L-inadempiment kellu jkun gravi u proporzjonat ghall-gravita` tal-konsegwenzi derivanti minn dik ir-rizoluzzjoni. Il-patt inadempjenti kellu allura jkun ta' importanza tali li jirrifletti fuq il-prestazzjoni principali li tifforma l-oggett tal-kuntratt ... Fejn il-pregudizzju ma jkunx gravi, il-Qorti ma kellhiex tifhem li l-partijiet kellhom itendu biex jesigu r-rizoluzzjoni

tal-ftehim" ("**France Cutajar -vs- Francis Fenech**", 6 ta' Ottubru, 1999);

Similment, gie ragunat fil-kaz ta' l-applikazzjoni tal-principju "*inademplenti non est ademplendum*". Ara d-decizjoni tal-Qorti Civili Prim' Awla tal-11 ta' Ottubru, 1966 fil-kaz fl-ismijiet "**Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri**", citata wkoll mis-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha;

Dan ritenut f'din il-gurisprudenza jwassal ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Ankorke il-hlas ta' l-e*xcess* kellu jitqies kondizzjoni tal-kuntratt, il-mankanza tal-pagament effettiv mill-assigurat ma kellux jikkwalifika bhala xi inadempjenza talment gravi li kienet tintitola lis-socjeta` assiguratrici appellanti li tirrikjama minghand l-assigurat il-hlas tas-somma rizarcitorja minnha pagata lit-terz danneggjat;

(2) Evidentement, minn dak li ssuccieda u b'effett ta' dak l-istess pagament lit-terz huwa intwittiv illi l-istess socjeta` appellanti kienet hi stess tal-fehma illi l-inadempjenza dovuta ghan-nuqqas tal-hlas ta' l-*excess*, ghal kollox tenwu, ma kienetx ta' gravita` tali illi twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt assikurattiv;

(3) Naturalment, is-socjeta` appellanti tista' tobbjetta illi hi dak il-hlas ghamlitu in virtu ta' l-imposizzjonijiet fuqha mill-Kapitolu 104. Jekk ikun hekk, ma jistax jisfuggi l-fatt illi, kif wisq korrettement irraguna l-Arbitru, hi stess naqset li tottempera ruhha ma' l-oneru inkombenti fuqha bl-Artikolu 15 (4) (a) tal-Kapitolu imsemmi. Jigifieri, li tati avviz bil-miktub, b'ittra registrata jew ittra ufficcjali, lill-assigurat, dwar l-intenzjoni li thallas it-talba ghad-danni lill-parti offiza u l-ammont relattiv;

(4) Jekk allura wiehed irid jitkellem fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta' l-assigurat ma jistax

lanqas jinsa l-inadempjenza legali da parti ta' l-assiguratur;

(5) Apparti dawn ir-riljevi, din il-Qorti tikkonkorda ma' l-espressjoni ta' fehma ta' l-Arbitru illi l-hlas ta' l-*excess* prospettat minn polza ta' assikurazzjoni ghandu l-ambitu ta' applikazzjoni tieghu mal-pagament tar-rizarciment, aktar milli ta' kondizzjoni vera u proprja ghal validita` tal-kuntratt. In-nuqqas *ut sic* tal-hlas ta' dak l-*excess* mill-assiguratur jaghti, iva, dritt kreditorju lis-socjeta` appellanti izda mhux ukoll li jillegittimaha, ghal dik il-pretensjoni taghha, illi topponi l-principju "*inademplenti non est ademplendum*" jew, ukoll kif minnha sollevat f'din is-sede, u mhux ukoll quddiem l-Arbitru, l-invokazzjoni tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni *de quo;*

(6) In virtu ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-tieni u t-tielet ilment qed jitiqiesu infondati;

Bir-raba' aggravju s-socjeta` assiguratrici appellanti tqajjem il-punt illi l-Arbitru ma kienx awtorizzat jippronunzja ruhu skond l-ekwita u, konsegwentement, meta fil-kaz in ispecje l-Arbitru ddecieda skond l-ekwita hu gie li agixxa bi ksur ta' l-Artikolu 45 (2) ta' l-Att dwar l-Arbitragg (Kapitolu 387) li jipprovdi illi "it-Tribunal ta' l-Arbitragg ghandu jiddeciedi bhala *amiable compositeur* jew *ex aequo et bono* biss jekk il-partijiet ikunu espressament awtorizzaw lit-Tribunal ta' l-Arbitragg illi jaghmel hekk";

L-aggravju hawn devolut hu ghal kollox insostenibbli. L-Arbitru ma ggudikax skond il-poter ekwitattiv izda b'referenza ghad-dritt sostanzjali taht l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili irraguna illi l-bwona fede tikkoncidi ma' l-ekwita`. Dan fis-sens illi skond il-gudizzju tieghu l-bwona fede u l-ekwita` kienu fonti ta' interpretazzjoni tal-kuntratt. Jikkonsegwi illi l-Arbitru applika d-dritt posittiv ghal materja u mhux gudizzju bazat fuq l-ekwita`. Jinghad a propozitu mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (2001 Numru 1496)** illi "*non è causa di nullita` del lodo per mancata decisione*

*secondo le norme di diritto il ricorso da parte degli arbitri all'equita`, non come regola alternattiva di giudizio, ma come criterio di interpretazione secondo buona fede e di integrazione della volonta` negoziale, tale criterio potendo legittimamente trovare luogo anche in sede di giudizio di diritto*". Kull kumment aggunitv ma jistax ma jkunx wiehed superfluwu.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell fil-kapi kollha ta' l-aggravji tieghu u tikkonferma d-decizjoni appellata, bl-ispejjez jitbatew mis-socjeta` assiguratrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------